Reġjun Għawdex

Laqgħa Nru. RGĦ 28/13

**Minuti tal-28 laqgħa li saret nhar il-Tnejn 18 ta' Frar 2013.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa f'12:00 (nofsinhar) fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; Joseph Sultana (Viċi president) il-membri Joe Cordina, Dr Monica Vella, Clint Camilleri, Mario Azzopardi, Salvu Borg, Francis Cauchi, Anthony Formosa, Nicky Saliba, u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

Intqalet t-talba u peress illi l-minuti tat-27 laqgħa kienu ntbgħatu minn qabel, ma nqrawx u ġew approvati unanimament.

Fl-assenza tal-President tar-Reġjun, ippresjeda din il-laqgħa l-Viċi President Joseph Sultana.

Bl-approvazzjoni tal-Kumitat ġie maqbul illi nibdew b'item 6 fuq l-aġenda peress illi kien hemm il-preżenza tal-*accountant* sabiex ifisser fil-qasir l-*financial statements* għas-sena 2012 qabel jiġu approvati.

## 1. Approvazzjoni tal-Financial Statements 2012

1.1 Is-Sur Daniel Galea (Accountant) ta spjegazzjoni qasira dwar l-*financial statements* tar-Reġjun għal 2012. Wara spjegazzjoni qasira qamet diskussjoni fuq il-punt tas-sitwazzjoni tal-*cash flow.* Is-Sur Joe Cordina stqarr illi jidher li għalkemm il-Kumitat Reġjonali spiċċa s-sena b'defiċit ta' €1,813, il-problema tal-*cash flow* ser tiggrava s-sitwazzjoni finanzjarja aktar 'il quddiem. Huwa propona illi għandha ssir laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex din il-problema tiġi mrażżna. Is-Segretarju Eżekuttiv waqt li qabel mal-proposta qara wkoll korrispondenza mibgħuta minnhu fejn kien hemm spjegat ċar is-sitwazzjoni finanzjarja tar-Reġjun. F'din il-korrispondenza d-Direttur kif ukoll il-Prim Ministru (bħala Ministru responsabli mill-Gvern Lokali) ġew ikkuppjati. Wara din id-diskussjoni l-*financial statements* 2012 ġew approvati unanimament. Is-segretarju tenn illi ser tintalab laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex tiġi diskussa din il-materja.

1.2 Clint Camilleri (membru) ħareġ mil-laqgħa minħabba li ried imur Malta. Il-ħin kien is-13:00 hrs

## 2. Kuntratt tal-*Accountant*

2.1 Is-segretarju ressaq għad-diskussjoni l-offerta tal-*Accountant* peress illi l-kuntratt kien skada. Dr Joe Cordina ddikjara illi fuq din il-materja għandu kunflitt ta' interess għalhekk ħareġ mis-sala. Il-Viċi President nnota illi malli Dr Cordina ħareġ mill-kamra ma kienx għad hemm quorum u għalhekk issuġerixxa illi din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Dr Cordina reġa' ntalab jidħol fil-kamra sabiex titkompla l-laqgħa.

## 3. Reġistratur tat-Tribunal Lokali

3.1 Is-segretarju rrimarka illi t-Tribunal Lokali t' Għawdex jaħdem b'reġistratur part-time u dan qed ikollu implikazzjonijiet fuq dak li titlob il-liġi, fl-aċċess tal-pubbliku għar-reġistru. Huwa stqarr illi s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kumitat Reġjonali ma tagħtix lok sabiex ir-reġistratur tibda taħdem full-time. F'dan ir-rigward ġie propost illi id-Dipartiment jintalab joħroġ id-differenza fl-ispejjeż sabiex dan ikun jista' jseħħ. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

## 4. Approvazzjoni tal-Pagamenti

4.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 18 illi tammonta għal € 37,366.08 ġiet approvata.

## 5. Materji oħra

5.1 Peress illi ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi, il-laqgħa spiċċat fis-13:30

_______________ _______________

Joseph Sultana
Vici President

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv

**Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat – Għawdex VCT 1020**
**TEL: 21561653 FAX: 21563355**